Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Seduta tal-Hamis, 26 ta' Settembru, 2019.

Appell numru: 55/2017

**Charles Galea (appellat)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (appellant)**

1. Permezz ta' rikors preżentat fis-6 ta' Ottubru, 2017, l-attur ippremetta li hu kreditur tad-Dipartiment tax-Taxxi fuq il-Valur Miżjud għas-somma ta' sittax-il elf erba' mija u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€16,490.55), u dan skont kif jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet mehmuża mar-rikors (fol. 6 sa 10). Kompla jgħid li dik is-somma tirrappreżenta *refund* li għandu jieħu skont l-Artikolu 24 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406). Żied li d-Dipartiment kien lest li jħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef mija u tnax-il Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€17,112.51) kif jirriżulta minn ittra datata l-1 ta' Settembru, 2017. Kompla li għalhekk fadallu jiġbor bħala *refund* ta' VAT is-somma ta' disat elef tliet mija tmienja u sebgħin Euro u erba' ċenteżmi (€9,370.04) u li d-Dipartiment qiegħed joġġezzjona li jagħti lura din ir-rifużjoni. Għalhekk, filwaqt li ddikjara fir-rikors li kien qiegħed jagħmel il-proċedura ta' referenza kontemplata fl-Artikolu 44 tal-Kap. 406, talab lit-Tribunal sabiex:

(i) Jilqa' t-talba għar-referenza sabiex jikkonferma li l-ammont ta' *refund* ta' VAT dovut lill-attur hi fis-somma ta' sittax-il elf erba' mija u disgħin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€16,490.55);

(ii) Jordna lill-konvenut sabiex iħallas dik is-somma lill-attur, flimkien mal-imgħax skont l-Artikolu 24(3) tal-Kap. 406;

(iii) Jiffissa terminu qasir u perentorju għall-ħlas ta’ dik is-somma.

2. Permezz ta’ tweġiba preżentata fil-31 ta’ Ottubru, 2017, (a fol.23) il-konvenut ta eċċezzjoni preliminari fis-sens li l-appell li ppreżenta l-attur quddiem it-Tribunal hu null għaliex m’għamilx dak li jitlob paragrafu 5(1) tad-IX Skeda tal-Kap. 406. Żied li l-appellant ma segwiex dak li trid il-Liġi biex tkun tista’ ssir il-proċedura ta’ riferenza quddiem it-Tribunal.

3. Permezz ta’ sentenza tat-30 ta’ Novembru, 2018, it-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ordna li jitkompla s-smiegħ tal-Appell. It-Tribunal rraġuna li mill-provi li tressqu kien sodisfatt li l-attur kien segwa l-proċedura kontemplata fil-Kap. 406 għal dak li jirrigwarda l-proċedura ta’ riferenza lit-Tribunal. Osserva li l-attur kien irrefera l-kwistjoni lill-konvenut bil-miktub. Fil-fatt kien talab għar-reviżjoni ta’ stima proviżorja bil-miktub u dan fil-25 ta’ Marzu, 2017. F’dik it-talba l-attur qal, *"The expenses refer to construction of cars’ showroom which has nothing to do with the insurance business. In fact I will stop doing the insurance business by the end of April, 2017. The commission recieved is part of the insurance premium and, therefore, it is not VATable."*

4. Permezz ta’ rikors preżentat fit-28 ta’ Diċembru, 2018, il-konvenut appella mis-sentenza tat-Tribunal, bl-aggravju jkun li t-Tribunal ma seta qatt jiċħad l-eċċezzjoni tan-nullita’ tal-Appell u jordna l-prosegwiment tal-kawża. Il-konvenut isostni li l-Liġi hi ċara, fis-sens li f’paragrafu 5 tad-IX Skeda tal-Kap. 406, ma tistax issir il-proċedura ta’ riferenza jekk il-kwistjoni ma tkunx tqajmet f’korrispondenza mal-Kummissarju. Skont l-appellant it-*Taxpayer* ma segwiex dak li trid il-Liġi. Minn meta kien notifikat bl-istimi li ħareġ l-appellant, ma rċieva l-ebda tip ta’ korrispondeza mingħand l-attur. Hu evidenti li ladarba l-attur għażel il-proċedura ta’ riferenza jfisser li mhux qiegħed jikkontesta l-istimi li kien innotifikat bihom u li nħarġu mill-konvenut. *Semmai* kellu jappella mill-istimi *ai termini* tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406. Hemm distinzjoni bejn il-proċedura ta’ riferenza u appell minn stima maħruġa mill-konvenut.

5. Permezz ta' tweġiba preżentata fis-6 ta' Frar, 2019, l-attur wieġeb għar-rikors tal-appell fejn talab lill-qorti sabiex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal.

6. Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2019, saret it-trattazzjoni.

**Fatti**.

7. Il-fatti l-iktar rilevanti għal dan l-appell, huma:-

   i. B'ittra datata 1 ta' Marzu, 2017 l-appellat bagħat lill-appellant *provisonal assessments* għall-perjodi 1.5.2013 sa 31.7.2013; 1.11.2013 sa 31.1.2014; u 1.8.2015 sa 31.10.2015. Notifikati lill-appellat fil-11 ta' Mejju, 2017. Dan wara rapport (Credit Control Report) li nħareġ mid-Dipartiment fil-15 ta' Frar, 2017. Fir-rapport jingħad li għandhom jinħarġu stimi proviżorji fir-rigward tal-imsemmija perjodi għas-somma ta' €9,378.04.

   ii. L-istimi proviżorji nħarġu fl-1 ta' Marzu, 2017 (fol. 41 sa 43).

   iii. Fid-29 ta' Marzu, 2017 l-appellant irċieva mingħand l-appellat talba għal reviżjoni ta' stimi proviżorji, datata 25 ta' Marzu, 2017. L-appellat talab reviżjoni fir-rigward tal-istima proviżorja għall-perjodu ta' taxxa minn 1.11.13 sal-31.1.14; 1.11.14 sal-31.1.15; u 1.11.15 sal-31.1.16. Perjodu wieħed biss (1.11.2013 sal-31.1.2014) li għandu x'jaqsam mal-istimi proviżorji li ħareġ l-appellant u datati l-1 ta' Marzu, 2017.

   iv. B'ittra tat-8 ta' Mejju, 2017 l-appellant talab lill-appellat sabiex jikkomunika miegħu biex jiftehmu appuntament sabiex issir laqgħa. Dan peress li l-appellat talab lid-Dipartiment sabiex jirrevedi l-istimi proviżorji.

   v. B'ittra tas-6 ta' Ġunju, 2017 l-appellant għarraf lill-appellat li kienet ġiet iffissata laqgħa għall-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, 2017.

vi. Sar VAT Review Report, u l-konklużjoni tad-Dipartiment kienet li peress li l-appellat ma tax tagħrif u ma ppreżentax dokumenti, ***"….. the Department has no other option but to confirm the provisional documents"***.

vii. B'ittra tal-31 ta' Awissu, 2017 l-appellat bagħat l-istimi tal-perjodu in kwistjoni. Infurmah ukoll li kellu jedd jappella quddiem it-Tribunal skont l-Artikolu 43 u 44 u Skeda 9 tal-Kap. 406 fi żmien tletin jum minn meta jirċievi dak l-avviż.

viii. B'ittra tal-1 ta' Settembru, 2017 l-appellat għarraf lill-appellant li l-*provisional assessments* li kien ħareġ fir-rigward tal-perjodi in kwistjoni, kienu ġew ikkonfermati għaliex l-appellant baqa' ma tax l-informazzjoni li ntalab fiż-żmien stipulat. Infurmah ukoll li ser jibgħatlu l-istimi finali.

ix. Permezz ta' rikors preżentat fis-6 ta' Ottubru, 2017 ir-rikorrent għamel talba għal riferenza quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap. 406, fir-rigward tal-perjodi fuq imsemmija. Il-pretensjoni tar-rikorrenti kienet li għandu jirċievi refund mingħand id-Dipartiment fl-ammont ta' €9378.04 fir-rigward tal-perjodi fuq imsemmija. Spjega li skont it-tax returns għall-perjodi in kwistjoni għandu jirċievi refund ta' €16,490.55 filwaqt li d-Dipartiment aċċetta li jħallas lura s-somma ta' €7,112.51 skont ma jirriżulta mill-ittra tad-Dipartiment datata l-1 ta' Settembru, 2017.

x. **Ma jirriżultax li l-appellat appella mill-istimi li saru mill-appellant**.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

8. L-artikolu 44 tal-Kap. 406 hu dak rilevanti għall-proċediment li ppropona l-appellat. **Proċedura li skont l-istess dispożizzjoni ma tistax tintuża fir-rigward ta' stima**.

9. Kif sewwa qal it-Tribunal skont paragrafu (h) ta' dik id-disposizzjoni, tista' tintalab riferenza lit-Tribunal jekk tqum kwistjoni dwar huwiex dovut lill-persuna ħlas lura ta' taxxa.

10. L-eċċezzjoni deċiża bis-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2018 hi li l-appell li ppreżenta l-appellat quddiem it-Tribunal hu null għaliex ma segwiex dak li jrid paragrafu 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 li jipprovdi:

> *"5(1)* ***Riferenza lit-Tribunal fuq kull kwistjoni msemmija fl-artikolu 44 ma tistax ssir, sakemm ma tkunx tqajment f'korrispondenza mal-Kummissarju*** *u għandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-miktub li fih ikun hemm imniżżla l-fatti kollha rilevanti għal dik il-kwistjoni u l-mod kif, fil-fehma tal-applikant, dik il-kwistjoni għandha tiġi deċiża".*

11. It-Tribunal ikkonkluda li l-korrispondenza kien hemm wara li kkunsidra:

> *"Illi mill-atti jirriżulta illi wara li ħareġ il-credit control report eżebit bħala Dokument C a fol. 32 et sequitur u l-istimi provirozji a fol. 41 sa 43, ir-rikorrent għamel talba għal reviżjoni ta' stima proviżorja fejn proprju ta s-segwenti raġuni u cioe': 'The expenses refer to construction of car showroom which has nothing to do with the insurance business infact I will stop doing the insurance business by the end of April 2017. The commission received is part of the insurance premium and therefore it is not vatable'. Sussegwentement ħareġ VAT Review Report li kkonferma l-istimi proviżorji u għalhekk il-Kummissarju intimat ħareġ il-VAT assessment eżebiti minn fol. 51 sa fol. 53. Inoltre, permezz ta' ittra datata 31 ta' Awissu 2017 il-Kummissarju intimat informa lir-rikorrent illi jekk iħossu aggravat huwa seta' jappella ai termini tal-artikolu 43 u 44 u tad-Disa' Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser illi l-Kummissarju intimat kien impliċitament qiegħed jaqbel illi l-kwistjoni tista' tiġi riferuta lil dan it-Tribunal".*

12. Mhemmx dubju li bir-rikors promotur l-appellat qiegħed jippretendi ħlas mingħand l-appellant ta' kreditu eċċessiv għall-perjodi mill-1.5.2013 sa 31.7.2013; 1.11.2013 sa 31.1.2014; u 1.8.2015 sa 31.10.2015, u dan fit-termini tal-artikolu 24(1) tal-Kap. 406.

13. L-ilment tal-appellat kif spjegat fir-rikors promotur hu li filwaqt li hu kreditur tad-Dipartiment fis-somma ta' €16,490.55 dovut bħala kreditu eċċessiv skont l-artikolu 24 tal-Kap. 406 (għall-perjodu ta' taxxa), id-Dipartiment aċċetta li jħallas lura s-somma ta' €7,112.51 skont ittra datata l-1 ta' Settembru, 2017.

Għaldaqstant isostni li għad irid jiġbor mingħand id-Dipartiment is-somma ta' €9,378.04, cjoe' d-differenza bejn iż-żewġ ċifri.

14. Mhemmx dubju li fl-ittra ta' Denise Said, Spettur tal-VAT, datata 31 ta' Awissu, 2017 sar żball meta ssemma' l-artikolu 44 tal-Kap. 406. B'dik l-ittra l-appellat ġie nfurmat li d-Dipartiment ma kienx aċċetta l-ammonti li ddikjara fil-formoli ta' taxxa, u bgħatitlu l-istimi ta' VAT li ħareġ id-Dipartiment.

15. Minn stima ta' taxxa maħruġa mid-Dipartimenti, ma jeżistix dritt ta' riferenza quddiem it-Tribunal skont l-artikolu 44 tal-Kap. 406. Dik id-dispożizzjoni stess tagħmilha ċara li l-proċedura ta' riferenza ma tapplikax fir-rigward ta' kwistjoni li għandha x'taqsam ma' stima.

16. Minn stima jista' jsir appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (artikolu 43 tal-Kap. 406). F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza għall-ittra tal-1 ta' Settembru, 2017 li biha l-appellant għarraf lill-appellat x'kien l-ammont ta' VAT li kellu jħallas skont l-istima tad-Dipartiment. Infurmah ukoll li kellu jedd jappella quddiem it-Tribunal *"as per Article 43 and Article 46 of the VAT Act, within 30 days from receipt of the said assessments"*. L-artikolu 44 ma ssemmiex għaliex ovvjament ma japplikax għall-kontestazzjoni ta' stimi.

17. L-ittra tal-25 ta' Marzu, 2017 (fol. 38) li biha l-appellat talab għar-reviżjoni tal-istimi proviżorji li ħariġlu d-Dipartiment, titratta dwar stimi proviżorji li kien ħareġ l-appellant. Il-kwistjoni li dwarha l-appellat irrikorra għall-proċedura ta' riferenza skont l-artikolu 44 tal-Kap. 406 titratta l-pretensjoni tiegħu li hu kreditur tal-appellat fis-somma ta' €9,378.04.

18. Ġialadarba l-proċedura ta' riferenza ma tapplikax għal stimi li joħroġ l-appellant, l-ittra tal-25 ta' Marzu, 2017 ma tistax isservi għall-finijiet tal-paragrafu 5 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406. Għaldaqstant, il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal li dik l-ittra serviet għall-finijiet ta' paragrafu 5 tad-Disa' Skeda.

19. Fl-aħħarnett, il-qorti tħoss li għandha tikkummenta dwar dak li qal l-appellat fir-rikors promotur li, *"Id-Dipartiment huwa lest li jagħti lill-esponent sebat elef*

*mija u tnax-il ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€7,112.51) u dan skont l-ittra datata tal-1 ta' Settembru, 2017 immarkata bħala Dok. B"*. Dikjarazzjoni li m'għandhiex mis-sewwa. Bl-ittra tal-1 ta' Settembru, 2017 (fol. 12) l-appellant m'ammettiex li hu debitur tal-appellat fis-somma ta' €7,112.51, iżda għarraf lill-appellat li l-oġġezzjoni għall-istimi proviżorji kienet miċħuda u skont l-istimi li għamel l-appellant kien kreditur tal-appellat fis-somma ta' €9,378.04. Hu ovvju li f'dan il-każ dak li kellu jagħmel l-appellat kien li jappella mill-istimi fuq imsemmija u mhux jirrikorri għall-proċedura speċjali ta' riferenza taħt l-artikolu 44. Proċedura speċjali li l-liġi espressament tipprovdi li ma tapplikax għal stimi li joħroġ l-appellat.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2018 u tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur